MINISTERU GĦAT-TURIŻMU
U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR
233, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA, MALTA

30 ta' Settembru 2020
Professur Thierry Breton
Kumissarju għas-Suq Intern
Kumissjoni tal-Ewropa

**<u>Konvenzjoni Ewropea dwar it-Turiżmu, 12 ta' Ottubru 2020</u>**

Kummissarju Breton,

F'isem Malta, nixtieq nirringrazzja lill-Kummissjoni Ewropea għall-organizzazzjoni tal-Konvenzjoni Informali dwar it-Turiżmu. Din hija l-ewwel konvenzjoni ta' dan it-tip u li ser twitti t-triq għall-futur ta' industrija kruċjali. Permezz ta' din il-konvenzjoni, ser ikollna l-opportunità li naqsmu ideat fuq l-isfidi tas-settur turistiku Ewropew u l-investimenti prinċipali li huma ta' prijorità għall-industrija, kemm immedjati u dawk għall-ġejjini. Dawn huma meħtieġa għall-isforzi kontinwi tal-UE biex jinħoloq pjan ta' direzzjoni lejn ekosistema tat-turiżmu Ewropea li tkun sostenibbli, innovattiva u reżiljenti – l-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2050'.

Fl-opinjoni tiegħi, l-irkupru tal-volumi tat-turiżmu hija l-iktar sfida immedjata għall-industrija tat-turiżmu Ewropew. Ikun diffiċli sabiex timplimenta pjanijiet għall-futur sakemm din l-isfida ma tkunx indirizzata immedjatament. Fin-nuqqas tal-vaċċin kontra l-COVID-19, għandna lkoll id-dmir bħala Gvernijiet li ntejbu l-impenn tagħna ta' koordinazzjoni, bil-għan li nnaqsu ir-restrizzjonijiet mandatorji ta' kwarantina. F'dan ir-rigward, nkunu qed nissalvagwardjaw libertajiet fundamentali tal-UE. Dan iwassal sabiex tingħata miżura ta' sigurtà u prevedibbiltà, li hija tant meħtieġa għall-industrija matul dan il-perjodu ta' inċertezza.

Għandna lkoll kemm aħna nimpenjaw ruħna biex nifthemu b'mod urġenti dwar koordinazzjoni, proċeduri u kriterji komuni. It-turiżmu domestiku qed jiġi propost bħala sors alternattiv ta' negozju għal dan is-settur u l-ospitalità fi żmien qasir. Din l-alternattiva għandha l-limitazzjonijiet tagħha, speċjalment fil-każ ta' Stati Membri Gżejjer. Aħna nemmnu bis-sħiħ li l-ivjaġġar domestiku jeħtieġ li jinftiehem għall-ivjaġġar fit-territorju kollu tas-suq intern u għalhekk estiż. L-ivjaġġar fl-UE li huwa reżiljenti għall-COVID-19 għandu jkun imrawwem u mħeġġeġ bħala pass temporanju qabel nergħu lura għan-normalità.

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU
U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR
233, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA, MALTA

Is-sostenibbiltà tal-industrija tat-turiżmu hija waħda mill-akbar sfidi għal-futur fuq livell Ewropew. Għalkemm numru ta' pjanijiet ġew ċertament imħejjija, madankollu dawn għandhom jiġu implimentati sabiex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tagħna. Bħala eżempju, t-titjib teknoloġiku huwa element kruċjali sabiex jintlaħqu l-l-impenji Ewropej li jirrigwardaw in-newtralità fil-klima sal-2050. F'dan ir-rigward, filwaqt li qed jiġi nnotat l-impenn lejn l-investiment fl-innovazzjoni, fir-riċerka u l-iżvilupp, huwa importanti li jiġi aċċertat li l-fondi allokati jiġu utilizzati. Fl-impenn sabiex jintlaħqu dawn l-ambizzjonijiet, għaldarb'oħra qed nerġa' nagħti parir li nkunu nimxu b'kawtela dwar miżuri li jxekklu lis-settur permezz ta' żieda fl-ispejjeż. Dawn il-miżuri jistgħu wkoll jillimitaw il-konnettività u l-kompetittività tal-Ewropa bħala destinazzjoni turistika. Preżentement hemm ukoll limitazzjonijiet fil-Politika Ewropea fis-settur tal-kompetizzjoni li jillimitaw Stati Membri milli jinvestu jgħinu f'investimenti indirizzati lejn titjib ekoloġiku minn kumpaniji privati permezz ta' fondi pubbliċi. L-użu tat-teknoloġija diġitali avvanzata, bħal fil-każ tal-intelligenza artifiċjali, jista' ukoll jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-industrija. Fil-futur immedjat, it-teknoloġiji diġitali ser ikunu jistgħu jipprovdu prodotti turistiċi speċjalizzati, sabiex jindirizzaw kull aspett tal-esperjenza turistika mill-punt tal-prenotazzjoni sar-ritorn lura d-dar.

Sfida oħra fl-industrija tat-turiżmu Ewropew hija t-tkabbir tal-kompetizzjoni minn destinazzjonijiet ta' pajjiżi terzi. It-turisti tagħna qed ifittxu novità fl-esperjenzi tal-ivjaġġar tagħhom, li qed twassalhom lil hinn mill-Ewropa. Irridu nindirizzaw dan billi ninvestu kontinwament fir-riżorsi umani tagħna, li kienu l-aqwa assi tagħna, permezz tal-ħiliet mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema tat-turiżmu. Huwa kruċjali wkoll it-titjib tal-prodott turistiku tal-Ewropa permezz tal-preservazzjoni tal-istorja u l-wirt kulturali tal-Ewropa. Apparti li nkomplu nżviluppaw l-offerta turistika tagħna b'mod sostenibbli, inkunu qed nissalvagwardjaw ukoll l-identità Ewropea tagħna.

Matul il-Konvenzjoni, huwa mistenni li jkun hemm opinjonijiet differenti dwar x'ser ikunu l-isfidi ta' l-Industrija tat-Turiżmu fis-snin li ġejjin. Ser jidhru wkoll xi ideat dwar kif jistgħu jiġu indirizzati dawn l-isfidi – madankollu, konxji li mhux kollha jkunu jistgħu jintlaħqu jew iseħħu b'mod immedjat. Kollettivament irridu nkunu lesti li ninnovaw u neżaminaw dawn l-ideat fi sforz sabiex nindirizzaw l-isfidi u nibnu ir-reżiljenza meħtieġa tal-ekosistema tat-turiżmu tal-Unjoni Ewropea għal-futur.

Onor. Julia Farrugia Portelli

Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur